VERŻJONI ELETTRONIKA



*Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 18,855, 13 ta' Jannar, 2012*
*Taqsima B*

---

**A.L. 5 tal-2012**

## ATT DWAR L-AMBJENT U L-IPPJANAR TA' L-IŻVILUPP (KAP. 504)

### Regolamenti tal-2012 dwar il-Kummissjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar (Tipi ta' Applikazzjonijiet)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 61 ta' l-Att dwar l-Ambjent u l-Ippjanar ta' l-Iżvilupp, il-Ministru għat-Turiżmu, il-Kultura u l-Ambjent, wara konsultazzjoni ma' l-Awtorita` ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:

**1.** (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2012 dwar il-Kummissjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar (Tipi ta' Applikazzjonijiet). Titolu u dħul fis-seħħ.

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jidħlu fis-seħħ fl-1 ta' Frar, 2012.

**2.** (1) Il-Fergħat A u B tal-Kummissjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar għandhom jittrattaw applikazzjonijiet għall-permess ta' żvilupp differenti kif speċifikat fis-subregolamenti (2) u (3). Tipi ta' applikazzjonijiet li għandhom jiġu trattati mill-Fergħat tal-Kummissjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar.

(2) Il-Fergħa A tal-Kummissjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar għandha tittratta dawn it-tipi li ġejjin ta' applikazzjonijiet għall-permess ta' żvilupp:

(a) kull tip ta' żvilupp li jkun propost li jsir 'l barra minn żoni tal-iżvilupp;

(b) kull tip ta' żvilupp li jkun propost li jsir ġewwa l-konfini ta' area ta' konservazzjoni urbana, jew ġewwa l-konfini tal-qalba tar-raħal;

(c) kull tip ta' żvilupp li jkun propost li jsir ġewwa *design priority area*; u

(d) kull tip ta' żvilupp li jkun propost li jsir f'*white area* li, għalkemm sitwata f'żona ta' żvilupp, ma jkollha l-ebda indikazzjoni speċifika għal żvilupp.

(3) Il-Fergħa B tal-Kummissjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar għandha tittratta dawn it-tipi ta' applikazzjonijiet għall-permess ta' żvilupp li ġejjin:

(a) kull tip ta' applikazzjoni għall-permess ta' żvilupp li tirrigwarda żvilupp li jkun propost li jsir ġewwa ż-żoni ta' żvilupp iżda eskluż it-tipi ta' applikazzjonijiet għall-permess ta' żvilupp speċifikati fis-subregolament (2) ta' dan ir-regolament;

(b) kull tip ta'żvilupp li jkun propost li jsir f'area regolata minn kundizzjonijiet u *zoning* għall-vilel;

(c) kull tip ta' żvilupp li jkun propost li jsir f'area regolata minn kundizzjonijiet u *zoning* għall-*bungalows*; u

(d) applikazzjonijiet magħmulin skond id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 28 tal-Att dwar l-Ippjanar tal-Iżvilupp, jew l-artikolu 59 tal-Att dwar l-Ambjent u l-Ippjanar tal-Iżvilupp.

Kap. 356.
Kap. 504.

Dispożizzjoni transitorja.

**3.** Id-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti għandhom japplikaw għal dawk l-applikazzjonijiet għall-permess ta' żvilupp li jkunu għadhom mhux deċiżi fid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dawn ir-regolamenti.

VERŻJONI ELETTRONIKA



**L.N. 5 of 2012**

## ENVIRONMENT AND DEVELOPMENT PLANNING ACT (CAP. 504)

### Environment and Planning Commission (Types of Applications) Regulations, 2012

BY VIRTUE of the powers conferred by article 61 of the Environment and Development Planning Act, the Minister for Tourism, Culture and the Environment, after having consulted the Malta Environment and Planning Authority, has made the following regulations:

Title and commencement.

**1.** (1) The title of these regulations is the Environment and Planning Commission (Types of Applications) Regulations, 2012.

(2) These regulations shall come into force on the 1st February, 2012.

Types of applications to be dealt with by the Divisions of the Environment and Planning Commission.

**2.** (1) Divisions A and B of the Environment and Planning Commission shall deal with different types of development permission applications as specified in sub-regulations (2) and (3).

(2) Division A of the Environment and Planning Commission shall deal with the following types of development permission applications:

(a) all types of development proposed to be located outside development zones;

(b) all types of development proposed within an urban conservation boundary, or village core boundary;

(c) all types of development within a design priority area; and

(d) all types of development proposed to be located in a white area which, although being located in a development zone, has no specific designation for development.

(3) Division B of the Environment and Planning Commission shall deal with the following types of development permission applications:

(a) all types of development permission applications pertaining to development proposed within the development boundaries but excluding the types of development permission applications specified in sub-regulation (2) of this regulation;

(b) all types of development proposed to be located in an area regulated by villa zoning and conditions;

(c) all types of development proposed to be located in an area regulated by bungalow zoning and conditions; and

(d) applications submitted in accordance with the provisions of article 28 of the Development Planning Act or article 59 of the Environment and Development Planning Act.

Cap. 356.
Cap. 504.

Transitory provision.

**3.** The provisions of these regulations shall be applicable to those development permission applications which would as yet be undecided upon the coming into force of these regulations.

Ippubblikat mid-Dipartiment tal-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta*
Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern fuq karta riċiklata — *Printed at the Government Printing Press on recycled paper*

Prezz/*Price*
€0.18